MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-15 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 1121/2013

**Avukat Dottor Jonathan De Maria (ID: 367569(M)) bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera *CIMA Impianti S.R.L.***

**vs**

***JD Lifts Supplies Limited* (C-12029)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-22 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu sintetikament gie espost is-segwenti:

1.1. Illi l-procedura odjerna hi mehuda *ai termini* tar-Regolament tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea Numru 44/2001;

1.2. Illi r-rikorrenti nomine hu munit bi prokura specjali biex jidher f'isem u ghan-nom tas-socjeta` estera mandatrici (ara fol 5);

1.3. Illi s-sentenza datata d-9 ta' Novembru, 2007 tat-*Tribunale di Treviso*, l-Italja, hi reza ezegwibbli bhala titolu ezekuttiv b'effett mit-3 ta' Frar, 2011, li permezz taghha, is-socjeta` intimata giet dikjarata debitrici tas-socjeta` mandatrici rikorrenti fl-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf, hames mija u tmienja u disghin Ewro, u tnejn u tmenin centezmu (€24,598.82), u sussegwentement ikkundannata thallas l-istess ammont lis-socjeta` mandatarja rikorrenti fuq indikata, oltre l-imghaxijiet dovuti skont id-Digriet Legislattiv ta' l-Italja numru 231/2002 li jimplementa il-*Late Payments Directive,* Direttiva 2000/35/CE, sal-gurnata tal-pagament effettiv, oltre wkoll l-ispejjez gudizzjarji ammontanti ghall-disa' mija u wiehed u tmenin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€981.28), (ara fol 8 *et sequitur*);

1.4. Illi s-sentenza citata fil-paragrafu precedenti hi ezegwibbli fl-Italja;

1.5. Illi r-rikorrenti nomine ghandu interess li jezegwixxi s-sentenza *de quo* kontra s-socjeta` intimata, liema socjeta` hi registrata Malta;

1.6. Illi in vista tal-premess, adixxa din il-Qorti fejn talab li din:

1.6.1. Tiddikjara ezegwibbli u tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq riferita biex ir-rikorrenti nomine, jkun jista' jezigi l-hlas fl-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf, hames mija u tmienja u disghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€24,598.82), oltre l-imghaxijiet skond id-Digriet Legislattiv numru 231/2002 sal-gurnata tal-pagament effettiv, u oltre wkoll l-ispejjez gudizzjarji ammontanti ghal disa' mija u wiehed u tmenin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€981.28), kif dedotti fis-sentenza citata;

1.6.2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` intimata;

2. Tirrileva li s-socjeta` intimata tirrizulta li giet debitament notifikata skont il-ligi, (ara fol 60);

3. Tirrileva li ghalkemm notifikata l-istess socjeta` intimata baqghet kontumaci;

4. Semghet lix-xhud prodott;

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

6. Illi tirrileva li ghalkemm is-socjeta` intimata inghata l-opportunita` biex tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha fit-teminu lilha moghti fl-udjenza tat-3 t'April, 2014, din l-opportunita` ma gietx sfruttata mill-istess socjeta` intimata u halliet it-terminu hemm lilha koncess jghaddi inutilment;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi mid-dokumenti esebiti u mix-xhud prodott jirrizulta sintetikament is-segwenti:

7.1. Illi r-rikorrenti nomine jirrizulta debitament awtorizzat biex jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Cima Impianti S.r.l., (ara fol 5 u 6);

7.2. Illi l-istess socjeta` estera indikata fil-paragrafu precedenti inzijat proceduri legali fit-Tribunal ta' Treviso kontra s-socjeta` intimata liema proceduri sabu l-kulmine taghhom fis-sentenza tal-istess Tribunal datata d-9 ta' Novembru, 2007, (ara fol 8);

7.3. Illi permezz tal-imsemmija sentenza s-socjeta` intimata gie kanonizzata kreditrici tas-socjeta` Cima Impianti S.r.l. fl-ammont ta’ erbgha u ghoxrin elf, hames mija u tmienja u disghin Ewro u tnejn u tmenin centeznu,(€24,598.82), (ara fol 8), oltre l-interessi relattivi, (ara fol 9);

7.4. Illi *di piu`*, l-istess socjeta` intimata giet ukoll akkollata bl-ispejjez processwali ammontanti ghal disgha mija u wiehed u tmenin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€981.28), (ara fol 9), oltre l-interessi relattivi, (ara wkoll fol 9);

Ikkunsidrat:

8. Illi *di piu`*, din hi procedura intavolata *ai termini* tar-Regolamenti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja Numru 44/2001;

9. Illi din il-Qorti hi sodisfatta li s-sentenza in dizamina hi sentenza ta’ tribunal ta’ Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja;

10. Illi in vista tal-istess, tali sentenza tirrikjedi esekuzzjoni wara rikors appozitu taht l-istess Regolamenti;

**DECIDE:**

11.0. Illi in vista tal-istess, sodisfatta li s-sentenza tat-Tribunal ta' Treviso in dizamina fl-ismijiet fuq riferiti u datata d-9 ta' Novembru, 2007, hi sentenza ta' tribunal ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropeja,takkolji t-talbiet tar-rikorrenti nomine fuq riferit u konsegwentement:

11.1. Tiddikjara ezegwibbli u tawtorizza l-esekuzzjoni tas-sentenza tat-*Tribunale di Treviso* datata d-9 ta' Novembru, 2007, fl-ismijiet *Cima Impjanti S.r.l.* vs *JD Lift Supplies Limited* biex ir-rikiorrenti nomine jkun jista' jezigi l-hlas fl-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf, hames mija u tmienja u disghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€24,598.82), oltre l-imghaxijiet skont id-Digriet Legislattiv numru 231/2001, sal-gurnata tal-pagament effettiv, u oltre wkoll l-ispejjez gudizzjarji ammontanti ghal disa' mija u wiehed u tmenin Ewro u tmeinja u ghoxrin centezmu, (€981.28), kif dedotti fis-sentenza citata;

11.2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess socjeta` intimata *JD Lifts Supplies Limited.*

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------